# IT-TLETT KWADRI TA' MATTIA PRETI FIS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-KARMNU L-BELT

Fis-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu insibu tlett kwadri taż-żejt fuq it-tila li għandhom assoċjazzjoni mill-qrib ma' Mattia Preti (1613–1699) li din is-sena d-dinja artistika qed tfakkar it-tlett mitt sena minn mewtu. Preti kien mhux biss wieħed mill-aħjar artisti li kellha x-xorti tospita Malta, imma wkoll wieħed mill-aqwa *virtuosi* tal-Barokk Taljan. Illum il-ġurnata l-interess fil-ħidma pittorika tiegħu kiber ħafna u l-istudjużi ta' l-arti qegħdin, kull ma jmur, isiru aktar konxji mill-importanza seminali tiegħu fl-iżviluppi li seħħu fl-arti Taljana ta' bejn it-tieni nofs tas-seklu sbatax u l-bidu tas-seklu tmintax. Għex Malta biċċa kbira minn ħajtu bejn l-1661 u mewtu fl-1699. Il-knejjes u l-mużewijiet tagħna jippossedu wħud mill-aħjar xogħlijiet tal-maturità artistika tiegħu. Fl-aħħar għaxar snin ta' ħajtu minħabba li saħtu kienet saret fraġli beda jserraħ aktar minn qabel fuq l-għajnuna tal-bottega tiegħu, jiġifieri ta' l-assistenti u lavranti li kienu jimpjegaw jew li kienu jduru miegħu biex jitgħallmu d-disinn u t-teknika pittorika. B'xorti ħażina dawn l-assistenti ma kienux, ġeneralment, pitturi ta' ħila. Hija f'din il-perspettiva li rridu niġġudikaw ix-xogħlijiet fil-Knisja tal-Karmnu. Id-dokumentazzjoni fuqhom għadha mhux magħrufa. Il-ħsibijiet kritiċi dwarhom huma, għalhekk imsejjsa biss fuq kriterji stilistiċi. Jista' jagħti l-kas li jkollhom jiġu riveduti meta insiru nafu kif u meta ġew kummissjonati.



F'sens kronoloġiku l-ewwel pittura hi dik tal-**Madonna tal-Pilar**. Xogħol tajjeb, b'komposizzjoni b'saħħitha u kromatikament pjaċevoli. Ix-xbieha ħelwa tal-Madonna tfakkarna f'dik tal-**Assunta** (Parroċċa Sant'Andrija, Ħal Luqa) u l-**Viżitazzjoni** (Parroċċa Santa Katarina, Żurrieq), kif ukoll fi xbiehat femminili f'xogħlijiet bikrija tal-ħidma Maltija ta' l-artist. Dan jista' forsi jindika s-snin sebgħin tas-seklu sbatax. Jekk il-Qaddis għarkubbtejh f'riġlejn il-Madonna huwa tabilħaqq San Ġakbu. Ċerti elementi jqanqlu dubju jekk ix-xogħol huwiex għal kollox awtografu u ma noħodiex bi kbira li Preti kien megħejjun minn xi assistent. Hemm ħjiel ta' interventi ta' restawr li mhux dejjem kienu feliċi. Dan ifixkel l-analażi kritika. B'dan kollu ma għandi l-ebda dubju li x-xbieha tal-Verġni Mqaddsa hi kollha kemm hi ta' l-imgħallem.



Il-kwadru ta' **Sant'Albert** huwa xoghol tardiv, aktarx ta' l-ahhar snin tal-hidma ta' Preti. Fih hemm intervent probabbli tal-bottega, speċjalment fit-tunika, fil-ġinokkjatur, u fiż-żebgha ta' l-isfond mudlam. L-intervent awtografu tal-Preti narawh fuq kollox fl-immoddellar stupend ta' ras il-qaddis li d-dinamiżmu taghha huwa xhieda li l-kapaċità pittorika tieghu ma naqsitx bl-età. L-iskema kromatika hija ghal kollox differenti minn dik tal-**Madonna tal-Pilar** ghax is-seher tal-ilwien iċedu posthom ghal-tonalità skura li hi karatteristika ta' l-ahhar fażi ta' l-artist. L-atmosfera hija wkoll aktar meditattiva. F'sens reliġjuż huwa kwadru aktar intens. Jolqtok ukoll il-loghob ta' dwal u dellijiet li huma mahduma b'maestrija kbira. Jekk il-bottega kellha sehem fil-produzzjoni din żgur saret taht superviżjoni stretta ta' l-imghallem. Inqis dan il-kwadru bhal wiehed mill-ahjar tal-maturità tardiva ta' l-artist.



L-intervent tal-bottega jiehu s-suppravvent fil-kwadru ta' **Sant'Anġlu** fejn l-intervent awtografu huwa limitat biss ghall-puttin li naraw fil-parti ta' fuq. Altrimenti ix-xoghol huwa kollu tal-bottega ghalkemm aktarx li d-disinn preliminari, jew buzzett, sar mill-imghallem. Jista' jkun ukoll, bhal ma kien jiġri f'hafna okkażżjonijiet ohra li kien riċiklat disinn antik. Dan huwa xoghol tardiv hafna. Il-puttin ghandu rabta qawwija ma dawk li naraw fi kwadri aktarx kontemporanji, jew kważi kontemporanji, bhal nghidu ahna, dak li naraw, fil-ġenb tal-lemin tal-*pala* l-kbira tal-**Annunzjazzjoni**, fil-Mużew tal-Kattidral, Mdina (fejn ukoll hu l-uniku element awtografu), jew inkella fil-kwadru ta' **St Adrian Fortesque**, fl-Oratorju tal-Kon-Kattidral ta' San Ġwann. Jidhirli li stilistikament hemm xebh konsiderevoli bejn il-figura ta' Sant'Anġlu u dik tal-**Beatu Franco** fil-kwadru li jġib ismu, f'din l-istess knisja. Dan ta' l-ahhar huwa attribwit li Suor Maria de Dominici, segwaċi ta' Preti li ftit ghandna taghrif dwarha. Dan il-kwadru li dan l-ahhar ġie restawrat jitlob li jkun investigat ahjar minhabba l-importanza tieghu ghall-istudju tal-bottega u s-segwaċi ta' Preti f'pajjiżna.

*Dr Mario Buhagiar*
**Kap tat-Taqsima**
**ta' l-Istorja ta' l-Arti**
**Università ta' Malta.**